# LINJI GWIDA FUQ IX-XOGĦOL TAL-KITBA MOGĦTI LILL-ISTUDENTI

## SKEJJEL MEDJI U SEKONDARJI

**1.0 Daħla**

Il-kitba hija meqjusa bħala waħda mill-erba' ħiliet ewlenin tal-lingwa u għalhekk għandha tingħata importanza kbira mill-għalliema. Fis-sillabi kollha, minn dawk tal-primarja sa dawk tas-sekondarja, hemm imniżżla ġeneri u forom differenti li din jista' jkollha u prinċipalment dawn jinqasmu fi tnejn: il-kitba funzjonali jew dik għall-bżonn u l-kitba kreattiva jew dik għall-gost.

L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa biex l-għalliema jkollhom direzzjoni dwar għadd ta' mistoqsijiet li ġieli jagħmlu huma stess u saħansitra l-istudenti u l-ġenituri tagħhom dwar l-ammont, il-frekwenza, il-korrezzjoni u oqsma oħra marbutin ma' xogħol mogħti lill-istudenti, fil-klassi u għad-dar, biex jitħarrġu u jissaħħu fil-kompetenzi tal-kitba tajba bil-Malti.

**2.0 Il-proċess tal-kitba**

Meta l-istudenti jilħqu ċ-ċiklu tal-medja u tas-sekondarja, għandhom ikunu midħla sewwa tal-proċess tal-kitba għax ikunu ilhom jitħarrġu fih mill-primarja. Madankollu l-għalliema tal-medja u tas-sekondarja għandhom ikomplu jirrevedu u jfakkru ta' spiss lill-istudenti l-passi ewlenin meħtieġa fil-proċess tal-kitba tajba jiġifieri l-importanza tal-għażla tat-titlu, il-pjan, il-kitba u l-editjar qabel il-preżentazzjoni u l-pubblikazzjoni, fost l-oħrajn.

**3.0 Il-ġeneri u t-tipi ta' kitba fil-Malti**

**3.1 Il-kitba funzjonali u kreattiva**

Fis-sillabu ta' kull sena hemm imniżżla l-ġeneri u t-tipi ta' kitba li l-għalliema jridu jħarrġu lill-istudenti tagħhom fihom. Dawn jinqasmu f'żewġ friegħi li huma deskritti bħala l-kitba funzjonali u dik kreattiva.

Fis-sillabi l-għalliema jsibu xi ġeneri ripetuti minn sena għal oħra. Dan minħabba li l-istudenti jridu jkompli jitħarrġu f'dawn il-ġeneri partikulari, kemm għax ikunu ġeneri speċjali li l-istudenti jistgħu jużawhom aktar minn oħrajn fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, kif ukoll għaliex it-tematika u l-kontenut tagħhom jiżviluppa u jimmatura aktar ma l-istudenti jikbru u jiżviluppaw huma stess.

Għalhekk l-għalliema għandhom jaraw li meta ġeneru partikulari jkun ripetut f'għadd ta' snin, huma għandhom jibqgħu jħarrġu lill-istudenti fil-kitba tiegħu kemm bix-xogħol li jagħtu fil-klassi kif ukoll dak għad-dar. Dan biex ikomplu jissaħħu l-kompetenzi miksuba u fejn meħtieġ jiġu introdotti aspetti oħra ġodda. Hekk, ngħidu aħna, fejn ikollok il-kitba ta' ittra, l-għalliema għandhom dejjem l-ewwel nett ifakkru u jisħqu mal-istudenti tagħhom fuq it-tqassim strutturali partikulari li din titlob bħala ġeneru fil-varjazzjonijiet kollha tagħha. Iridu wkoll jagħtu xogħol ta' kitba u taħriġ lill-istudenti skont it-tip ta' ittra li jkollhom elenkat fis-sillabu. L-istess jgħodd għall-kitba kreattiva fejn l-għalliema għandhom ta' kull sena jisħqu fuq it-tqassim tajjeb tal-partijiet ewlenin tal-komponiment, jiġifieri, id-daħla, il-qalba u l-għeluq, u jsaħħu fl-istudenti tagħhom il-kompetenzi li dawn iridu jkunu jafu kif jibnu komponiment imqassam tajjeb strutturalment. Dan barra l-enfasi li l-għalliema għandhom jagħtu lix-xeħta partikulari ta' kitba (eż. narrattiva, deskrittiva, argumentattiva u espożitorja) magħżula mis-sillabu uffiċjali.

### 3.2 Il-komponimenti letterarji

L-assessjar tal-apprezzament, tal-analiżi u l-kritika letterarja jsir permezz tal-kitba tal-komponimenti letterarji. Il-komponimenti letterarji jeħtieġ li jsegwu l-istruttura ġenerali tal-kitba ta' komponiment jiġifieri l-istudenti jridu jkunu mħarrġa li jqassmuhom sewwa bid-daħla, il-qalba u l-għeluq kif suppost. Jitlob ukoll li jkun hemm ippjanar sew tal-argumenti li ser jissemmew u l-editjar fl-aħħar għal żbalji tal-ortografija, tal-punteġġjatura, tal-grammatika u tas-sintassi, fost l-oħrajn.

Minkejja li huwa komponiment letterarju, xorta huwa meqjus bħala xogħol ta' kitba bil-Malti u allura jitnaqqsu l-marki fejn it-tħaddim tal-metalingwa jkun żbaljat. L-għalliema għandhom jispjegaw ukoll lill-istudenti tagħhom it-tqassim partikulari li għandu dan il-ġeneru ta' komponiment, jiġifieri li jrid jinkludi tqabbil u referenzi għat-testi studjati u li jintrabtu mat-tema/titlu mistħarreġ u li l-argumenti jkunu f'sekwenza u mibnija b'mod loġiku u koerenti b'mod li jsegwu. Ma' dan l-għalliema jridu jħarrġu lill-istudenti kif isir it-tisħiħ tal-argumenti mressqa permezz tal-kwotazzjonijiet diretti u indiretti, u kif dawn jidħru fil-kitba. Ma jonqosx ukoll li l-għalliema jaraw li l-istudenti jitfakkru l-prinċipji ewlenin li jwasslu għal kitba tajba tal-komponiment letterarju u li meta jagħtu l-korrezzjonijiet lura għandhom jagħtu rispons iddettaljat lill-istudent fejn ikun mar tajjeb u/jew ħażin flimkien mal-marka miksuba.

### 4.0 Il-frekwenza tal-għoti tax-xogħol

Billi l-kitba hija waħda mill-erba' ħiliet ewlenin, l-għalliema għandhom jaraw li, fl-ippjanar u t-twettiq tagħhom tal-lezzjonijiet, jagħtuha l-importanza li jixirqilha. Dan isir meta l-istudenti jingħataw xogħol ta' kitba regolari fil-klassi u għad-dar li jiġi kkoreġut bir-reqqa mill-għalliema u jingħata lura lill-istudenti biex jgħarbluh. Tajjeb li l-għalliema jagħrfu li filwaqt li l-istudenti jieħdu gost jaraw fejn marru tajjeb, iridu jitgħallmu wkoll mill-iżbalji li jkunu għamlu biex ma jirrepetuhomx f'kitbiet oħra. Dan dejjem bl-għajnuna tal-għalliema li jidderiġuhom jaslu jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom stess.

### 4.1 Il-frekwenza tal-għoti ta' xogħol ta' kitba funzjonali u kreattiva

L-għalliema huma mfakkra li jridu jagħtu xogħol ta' kitba regolari lil kull student **minn tal-anqas darba kull ħmistax.** L-istudenti għandhom jingħataw tal-inqas biċċa xogħol waħda matul is-sena skolastika minn kull ġeneru u tip ta' kitba msemmija fis-sillabu, kemm bħala kitba funzjonali kif ukoll dik kreattiva biex hekk l-għalliema jaraw li jkopru l-ġeneri u t-tipi kollha ta' kitba msemmija fis-sillabi rispettivi. (Is-sillabi tal-Malti jinsabu fuq is-sit elettroniku **malti.skola.edu.mt**)

### 4.2 Il-frekwenza tal-għoti tal-komponimenti letterarju

Għall-klassijiet tas-sekondarja, l-għalliema għandhom jibdew iħarrġu lill-istudenti tad-disa' sena (Form 3) fil-kitba tal-komponiment letterarju. Huma jridu jibdew jagħtu komponimenti letterarji komparattivi, jiġifieri komponimenti qosra fejn l-istudenti jintalbu jqabblu tema/aspett komuni fil-poeżiji/fin-novelli b'mod ġenerali, skont kif spjegat fid-dokument *Linji gwida għall-eżamijiet tat-tielet sena* li jinsab fis-sit malti.skola.edu.mt. L-għalliema jistgħu wkoll jinqdew bil-mistoqsijiet li ħarġu fil-karti tal-eżamijiet imgħoddija ta' dawn l-aħħar tliet snin biex jieħdu kampjuni tal-mistoqsijiet għall-komponimenti letterarji komparattivi għall-istudenti tad-disa' sena.

Huwa mistenni li l-istudenti tad-disa' sena jagħmlu **tal-inqas tliet komponimenti letterarji, wieħed kull term skolastiku,** skont it-tul speċifikat fil-linji gwida għall-eżamijiet.

Meta l-istudenti jibdew jaħdmu s-sillabu taċ-ĊES fil-għaxar u l-ħdax-il sena, huma għandhom jingħataw ammont xieraq ta' komponimenti letterarji, kemm fuq l-antoloġija ta' poeżiji u proża *Bejn Ħaltejn* kif ukoll fuq ir-rumanz *Il-Ħarsa ta' Ružann*. L-għalliema għandhom jaraw li jagħtu **tal-inqas żewġ komponimenti letterarji f'kull term skolastiku**: wieħed fuq l-antoloġija tal-poeżiji u novelli, u l-ieħor fuq ir-rumanz. Il-komponiment letterarju jista' jkun fuq parti mir-rumanz jew fuq l-għażla ta' poeżiji u novelli li jkunu saru fil-klassi u mhux bilfors irid jingħata fl-aħħar tas-sena meta jkunu saru  x-xogħlijiet kollha u r-rumanz sħiħ.

Fil-ħdax-il sena l-għalliema għandhom jaraw li minkejja li r-rumanz ikun sar fis-sena ta' qabel, huma xorta jagħmlu lezzjonijiet ta' reviżjoni u analiżi tat-tematika, il-ġrajja u l-karattri, l-isfond storiku, is-simboliżmu u l-bqija, kemm permezz ta' lezzjonijiet apposta kif ukoll permezz tal-komponimenti letterarji li jagħtu. Dawn jistgħu jinbnew fuq il-mistoqsijiet maħruġa f'eżamijiet imgħoddija taċ-ĊES.

## 5.0 Il-korrezzjoni tax-xogħlijiet tal-kitba (funzjonali, kreattiva u letterarja)

Filwaqt li għat-taħriġ f'ħiliet oħra l-għalliema jistgħu jużaw għadd ta' strateġiji biex jikkoreġu x-xogħol tal-istudenti, fejn tidħol il-kitba din għandha dejjem tkun ikkorreġuta mill-għalliema. L-għalliema għandhom jaraw li jikkoreġu l-komponimenti u l-kitbiet mogħtija b'reqqa billi mhux biss jimmarkaw il-kliem miktub ħażin imma jiktbuh tajjeb biex l-istudent jagħraf fejn żbalja. L-għalliema għandhom iħeġġu lill-istudenti biex meta jingħataw lura l-kitbiet ikkoreġuti, jaraw u jiflu fejn żbaljaw. L-għalliema għandhom jiddedikaw ħin biex wara li jkunu kkoreġew ix-xogħol tal-kitba, jinnutaw xi żbalji komuni li jkunu sabu u jiddiskutuhom mal-istudenti fil-klassi. Ta' min jirrakkomanda wkoll li regolarment partijiet qosra mill-bidu/mit-tmiem tal-lezzjoni tkun iddedikata għall-punt/i ortografiċi li l-għalliema jħossu li huma problematiċi għall-istudenti tagħhom u jħarrġuhom ftit fuqhom ta' spiss.

Bħala prassi għall-korrezzjoni ta' xogħlijiet tal-kitba, l-għalliema għandhom jikkoreġu l-iżbalji kollha. Dan ifisser li kull żball tal-ortografija, il-punteġġjatura, il-grammatika, l-espressjoni u s-sintassi għandu jiġi identifikat u kkoreġut. Madankollu f'każi speċifiċi ta' studenti li għadhom fil-bidu tal-kisba tal-ħiliet bikrija tal-kitba, l-għalliema jistgħu jidentifikaw oqsma partikulari, bħall-punteġġjatura, u jikkoreġu dawn l-iżbalji biss, **filwaqt li jimmarkaw xorta waħda l-iżbalji l-oħra** ta' sintassi, grammatika u ortografija. Jekk l-għalliema jħossu li għandhom jużaw din l-istrateġija ma' xi studenti, dejjem għandhom jinfurmaw lill-ġenituri b'dak li qed jagħmlu u jispjegawlhom ir-raġuni għax qed jikkoreġu hekk.

L-istudenti jridu jitgħallmu mill-korrezzjoni tal-għalliema. Għalhekk l-għalliema għandhom jagħtu rendikont tal-kriterji li jużaw fil-korrezzjoni tagħhom. Meta tingħata marka biss bla rendikont ta' kif inkisbet skont il-kriterji differenti li jassessjaw il-kitba, din ma tkun tiswa xejn għall-istudent biex itejjeb il-kompetenzi tiegħu tal-kitba. Għalhekk l-għalliema għandhom iqassmu l-marka skont il-kriterji u lill-istudent jagħtuh rendikont tal-marka li jkun ġab fl-ortografija, it-tqassim tal-ġeneru, l-ideat u l-kitba mexxejja, u l-bqija. Għal dan il-għan huwa ssuġġerit li l-għalliema jużaw il-tqassim tal-marki u l-kriterji użati fil-korrezzjoni tal-karti tal-eżami annwali ta' kull sena li jinsabu fis-sit malti.skola.edu.mt

Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti għandhom problemi kbar kemm fil-binja kif ukoll fil-kontenut, speċjalment fil-kitba tal-komponiment letterarju, huma għandhom jitolbu lil dawn l-istudenti biex jagħmlu t-tieni prova tal-komponiment skont is-suġġerimenti u t-tiswijiet li jkunu għamlulu fil-korrezzjoni tal-ewwel komponiment. B'hekk l-istudenti jkollhom komponiment letterarju li jista' jkunilhom utli għar-reviżjoni u bħala referenza qabel l-eżami.

**6.0 Iż-żamma tal-marki**

L-għalliema għandhom iżommu rendikont iddettaljat ta' kull marka li jagħtu lix-xogħol tal-kitba tal-istudenti. Dan ir-rendikont jgħinhom biex jagħtu l-marka tal-assessjar kontinwu lill-istudenti tagħhom. Barra minn dan, l-għalliema jkunu jistgħu wkoll jagħtu rendikont serju ta' xogħolhom lill-Kap tal-Iskola jew lill-Uffiċjal Edukattiv meta dan ikun meħtieġ. L-għalliema għandhom isibu huma stess l-aħjar mod kif iżommu l-marki (jekk hux b'mod ikkompjuterizzat jew manwali) sakemm dan ikun dejjem disponibbli mill-ewwel meta jintalab mill-Uffiċjali Edukattivi.

Biex jgħin lill-għalliema jilħqu sewwa dan il-għan u jżommu rekord tal-marki b'mod faċli u kkompjuterizzat, qed jinhemeż galvu bħala dokument f'Appendiċi 1 li jista' jintuża għax-xogħol tal-kitba. L-għalliema jistgħu jniżżlu dan id-dokument fil-format ta' word biex jaħdmu bih fuq il-laptop tagħhom mis-sit elettroniku malti.skola.edu.mt

**7.0 Iċ-ċelebrazzjoni ta' xogħol l-istudenti**

Huwa xieraq li xogħol l-istudenti jiġi ċċelebrat u mfaħħar. Barra li joffri sodisfazzjon lill-kittieb, dan jista' jservi wkoll ta' inkoraġġiment lil oħrajn. Hemm bosta prattiċi tajbin fl-iskejjel fejn xogħol ta' kitba tal-istudenti jitwaħħal mal-ħajt tal-klassi jew fuq il-bord tal-avviżi. L-għalliema jistgħu joħolqu attivitajiet u okkażjonijiet fejn l-istudenti jaqraw xogħlijiethom, bħal pereżempju, waqt il-laqgħa ta' filgħodu quddiem l-iskola kollha jew waqt ħin speċjali fil-lezzjoni tal-Malti. Għadd ta' għalliema qed jimpenjaw ruħhom biex xogħol l-istudenti jiġi ppubblikat f'kotba jew jittella' fuq siti elettroniċi tal-iskola/kulleġġ/tad-Dipartiment. Ta' min ifakkar li l-għalliema għandhom dejjem jaraw li meta x-xogħol ikun se jiġi ppubblikat jew imtella' għall-wiri, dan għandu jkun ħieles mill-iżbalji kollha. Huma m'għandhomx jesebixxu jew jippubblikaw xogħol ta' kitba, tajjeb kemm hu tajjeb fl-ideat, jekk mhux ikkoreġut/irranġat u għad fih l-iżbalji.

L-għalliema huma mħeġġa biex jidentifikaw xogħlijiet tajbin ta' kitbiet tal-istudenti u jgħadduhom lill-Uffiċjali Edukattivi jew Kapijiet tad-Dipartiment biex jittellgħu bħala mudelli ta' kitba fis-sit elettroniku malti.skola.edu.mt